**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA ʾGUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, tnejn (2) ta’ Ottubru 2024

Kawża Nru 7/2024

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

vs

**Carlos Lean Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Carlos Lean Schembri**, iben Ruth Schembri, imwieled Pieta’ nhar l-erbgħa (4) ta’ Marzu 1998 u residenti 53, Triq ta’ Saguna, Sannat, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 97398(M) talli matul il-lejl ta’ bejn s-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Jannar 2024 u t-tmienja u għoxrin (28) ta’ Jannar 2024 u/jew fil-ġranet ta’ qabel, ġewwa Ta`Manuel, Triq t-Taflija, Xewkija, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer Maltin:

(1) ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-lok, bil-ħin u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma huwiex aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment Gordon Silvio u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;[1]

Matul ix-xahar ta' Jannar u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

(2) saq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma kellhiex liċenza;[2]

(3) uża vettura bil-mutur fit-toroq, mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;[3]

(4) sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz, billi waħħal liċenzija ta' triq bir-reġistrazzjoni DCA 916

---

[1] Art.261(c)(d)(e)(f); 267, 268(d), 270, 279(a); 280(1) u 289 tal-Kap 9
[2] Art.15(1)(a)(3) tal-Kap65
[3] Art.3(1) tal-Kap 104

fuq vettura tal-għamla Mercedes Benz, bin-numru ta' chassis WDB2110162A696617;[4]

(5) għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni DCA 916 xort' oħra minn dik mogħti mill-Pulizija u/jew mill-Awtorità dwar it-Transport f' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikulari.[5]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Gordon Silvio billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

---

[4] Art.188(1) tal-Kap9.

[5] Art.15(1)(A) tal-Kap 65

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' ħtija titratta mal-akkużat Carlos Lean Schembri bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti kif wkoll l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali datat l-ewwel (1) ta' Frar 2024 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;[6]

Rat ix-xhieda li xehdu quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

[6] Fol 12 u 46 tal-process.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tibda billi tagħmel rijassunt tax-xhieda li ġew prodotti.

**L-Ispettur (illum Supretendent) Bernard Charles Spiteri**[7] xehed li fit-tletin (30) ta' Jannar 2024, ġie infurmat minn PS 506 Derrick Bugeja li ċertu Gordon Silvio kien mar jagħmel rapport l-Għassa tar-Rabat (Għawdex) wara li nduna li kienu nsterqulu diversi rombli tar-ram mir-residenza tiegħu fix-Xewkija. Silvio kien għadda lis-Surġent footage li kien juri li persuna li wiċċu ma kienx mgħammad kien daħal fid-dar nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2024 għall-ħabta tat-tlieta neqsin kwart ta' filgħodu (02.45am). Din il-persuna ġiet identifikat bħala l-akkużat li kellu aċċess għal din id-dar, in vista tal-fatt illi kien impjegat ta' Silvio. Rigward il-footage, Silvio ikkonferma mal-ispettur illi l-ħinijiet indikati fil-footage kienu ħinijiet reali. Silvio kien qal wkoll lill-Pulizija li fi żmien il-Milied kienu nsterqulu xi flus mid-dar tiegħu. In segwitu għal din is-serqa huwa kien biddel il-code tal-aċċess għad-dar.

L-Ispettur qal li nħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tal-akkużat. Il-mandat ta' arrest ġie esegwit. Ittieħdet wkoll stqarrija tal-akkużat wara li dan kien ingħata d-drittijiet legali tiegħu kollha u għażel li ma

[7] fol 46A - 46G

jikkonsulta mal-ebda Avukat. Tul l-istqarrija l-akkużat ammetta l-involviment tiegħu fis-serq tar-rombli tar-ram u li dawn kien biegħhom għax kellu bżonn il-flus. Ċaħad pero li kellu x'involviment f'serq ieħor li kien seħħ.

Il-Pulizija innutaw wkoll li meta l-akkużat ġie arrestat huwa kien qed isuq vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni DCA 916. Irriżulta li din il-vettura kellha l-liċenzja magħluqa. Sussegwentement irriżulta wkoll illi l-karrozza ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni u li l-pjanċi u l-kulur tagħha kienu differenti. L-Ispettur tkellem mas-sur Josef Schembri mill-uffiċju tal-liċenzji ta' Transport Malta li kien qallu li l-liċenzja ma kinitx imħallsa u fil-preżent mhijiex koperta b'polza ta' assikurazzjoni.

L-Ispettur kellem ukoll lis-sid tal-vettura minn Ħal-Għaxaq li qaltlu li kien hemm sekwestru fuq il-karrozza u li kienet għand l-akkużat mhux bil-kunsens tagħha iżda għaliex xi ħadd kien biegħha lill-akkużat minn wara daharha.

**In kontro-eżami** mistoqsi jekk marx biex jivveriika jekk ic-CCTV footage kienx l-istess CCTV illi kien hemm fir-residenza ta' Silvio, huwa wieġeb li huwa kien baqa' fuq li kien qallu Silvio. Qal ukoll illi huwa għaraf l-akkużat bħala l-istess persuna li kien hemm fil-footage.

**PS 715 Lucian Gatt** xehed[8] kif huwa kien ħa ħsieb li jinkariga Pulizija biex jiġi esegwit il-mandat ta' arrest maħruġ kontra l-akkużat. Spjega li wara li l-akkużat ġie arrestat, l-akkużat ittieħed l-Għassa u imbagħad fil-presenza tal-akkużat saret tfittxija fil-vettura Mercedes bin-numru DCA 916 minn fejn ġew elevati ġakketta sewda u papoċċ abjad tad-ditta Champion. Gatt tenna wkoll kif l-akkużat minn jeddu waqt li kien l-Għassa ammetta li kien ħa r-rombli tar-ram.

In **kontro-eżami**, x-xhud għaraf l-akkużat bħala l-persuna li kien inġab l-Għassa wara l-arrest, kif ukoll bħala l-persuna li fil-filmati li ġew mgħoddija lill-Pulizija kien jidher liebes ġakketta sewda bil-hoodie u pappoċċ abjad. Fuq mistoqsija tad-difiża dwar il-komportament tiegħu meta l-akkużat ammetta mal-Pulizija li kien ħa r-rombli, is-Surġent wieġeb li huwa kien trankwill u kalm.

**PC 979 Daniel Mohr**[9] xehed li fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2024 fis-6.00am irċieva struzzjonijiet biex jiltaqa' mal-kwerelant Gordon Silvio fis-6.30am. Dan għaliex Silvio kien miftiehem mal-akkużat biex l-akkużat jidħol xogħol dak il-ħin. Hekk kif l-akkużat wasal għax-xogħol bil-vettura tiegħu, huwa ġie arrestat. Spjega li saret tfittxija fil-vettura li kellha n-numru DCA 916 u ma instab xejn irregolari. Sussegwentement reġgħet saret tfittxija oħra fl-istess vettura kif ukoll fir-residenza tal-akkużat Sannat. Mill-vettura ġew elevati papoċċ abjad

[8] Fol 51 -54
[9] fol 59 - 63

u ġakketta sewda li kien jixbhu l-ħwejjeġ li kien liebes il-persuna li wettaq is-serqa.  Aktar tard irċivew informazzjoni li l-karrozza DCA916 Mercedes ma kinitx liċenzjata.  Infatti sabu li l-liċenzja kienet skaduta u x-chassis number tal-vettura ma kienx jaqbel man-numru tal-pjanċa.  Ix-xhud spjega li ipprova jċempel lil sid il-vettura li kien qed jidher fis-sistema, ċertu Benjamin Bondin, imma dan ma rrispondiex.

**In kontro-eżami,** ix-xhud ikkonferma illi huwa ra l-filmati tas-CCTV footage biex dawn jkunu jistgħu jgħinuh fit-tfittxijiet.  Fil-filmat il-persuna dehret liebsa papoċċ ta' lewn abjad u ġakketta sewda bl-għonq tas-suf.  Il-ġakketta kienet tixbah lil dik li inzerta kien liebes l-akkużat.

**PC 567 Adrian Gatt** xehed[10] illi fil-wieħed u tletin (31) ta' Jannar 2024 ġie infurmat illi ried jiġi esegwit mandat ta' arrest fil-konfront ta' Carlos Lean Schembri.  L-arrest kellu jseħħ hekk kif l-akkużat jasal Għawdex minn Malta biex jidħol xogħol.  Huma stennewh fejn il-post tax-xogħol tiegħu u wara li ħareġ mill-vettura u sakkarha, huma ipproċedew bl-arrest tiegħu.  Minn tfittxija li eventwalment saret fil-vettura tal-akkużat, ġew elevati żarbun abjad u ġakketta sewda.  Dawn kienu jixbhu l-ħwejjeġ li kien liebes il-persuna li wettaq is-serqa.  Lill-Pulizija irriżultalhom wkoll li c-chassis number tal-karrozza tal-akkużat ma kienx jaqbel man-numru tar-reġistrazzjoni li kellha l-vettura u li kemm il-liċenzja tal-windscreen kif ukoll l-assikurazzjoni ma kinux imħallsa.

[10] fol 67 -70

**In kontro-eżami** ix-xhud ikkonferma illi huwa ra l-filmati tas-CCTV u f'filmat minnhom kien hemm xebh bejn il-ġakketta li nġabret u l-ġakketta tal-filmat. Il-verifiki rigward il-vettura saru kemm minnu u anke mill-kollega tieghu. Irriżultalhom li l-liċenzja tal-vettura ma kinitx imħallsa u li x-chassis number ma kienx jaqbel man-numru tal-pjanċa li kellha l-vettura.

**Il-kwerelant Gordon Silvio** xehed[11] illi fl-għaxra (10) ta' Jannar 2024 hu kien wasal Għawdex wara l-vaganzi tal-Milied u sab xi affarijiet neqsin mid-dar. Dakinhar ma affaċċjax il-ħaddiema, li kollha kellhom aċċess għar-residenza permezz ta' code; imma installa l-cameras, biddel il-code tal-bieb tar-residenza u ta aċċess lill-mara u lil tal-pool biss. Fit-tletin (30) ta' Jannar 2024, Silvio reġa' innota illi kien naqas materjal li huwa kellu fil-post. Huwa iċċekkja l-filmati u sab illi fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2024 fit-tlieta neqsin ħamsa ta' filgħodu (2.55am), l-akkużat kien daħal fid-dar. Huwa deher tiela' u nieżel it-taraġ u jaqbad il-camera biex idawwarha rasha 'l isfel. Wara li għaddew żewġ minuti, il-camera reġgħet iddawwret rasha 'l fuq u l-materjal li kien hemm deher li kien naqas. B'kollox insterqulu sitt rombli copper li l-valur tagħhom jammonta għal disa' mija u ħamsa u ħamsin ewro u tmenin ċenteżmu (€955.80) inkluż il-VAT.

[11] fol 71 - 79

**PS 506 Derek Bugeja**[12] xehed illi fit-30 ta' Jannar 2024 il-kwerelant Gordon Silvio kien mar l-Għassa u irrapporta li wieħed mill-ħaddiema tiegħu Carlos Schembri deher fuq filmati minn cameras tas-sigurta qed jisraq xi rombli tar-ram minn ġewwa r-residenza tiegħu. Il-kwerelant għadda l-filmati lis-Surġent għall-aktar investigazzjonijiet. Minnhom eventwalment inħarġu stills.

**Saviour Farrugia,** Assistant Principal fi Transport Malta xehed[13] li l-vettura DCA 916 Mercedes Benz hija reġistrata f'isem Mary Bonello detentriċi tal-karta tal-identita numru 627157(M) filwaqt li l-karrozza bin-numru BEN 190 bic-chassis number WDB 2110162A696617 hija reġistrata f'isem Benjamin Bondin detentur tal-karta tal-identita numru 561565(M).

Ix-xhud **Margaret De Battista**[14] esebiet erba' sentenzi li ingħataw fil-konfront ta' Carlos Lean Schmebri kif wkoll lista tal-multi li l-istess akkużat għad għandu pendent.

**PC 854 Dennis Camilleri** xehed li dakinhar tat-tletin (30) ta' Jannar 2024 meta l-kwerelant Gordon Silvio kien mar jagħmel ir-rapport dwar is-serqa kien hu li beda jieħu d-dettalji inizjali tal-istess rapport. Huwa ikkonferma li l-informazzjoni imdaħħla minnu fis-sistema kien għaddihielu l-kwerelant stess.

[12] fol 115 - 117
[13] fol 122 - 123
[14] fol 129

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tletin (30) ta' Jannar 2024, il-kwerelanat Gordon Silvio għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex għaliex xi jiem aktar qabel minn ġewwa r-residenza tiegħu kienu insterqu diversi rombli tar-ram li huwa juża għax-xogħol tiegħu. Mill-verifiki li huwa għamel mal-cameras tas-sigurta li kellu installati, huwa identifika li l-akkużat Carlos Schembri kien daħal f'din l-istess residenza u fil-mument li huwa daħal ir-rombli tar-ram ġew neqsin. Il-Pulizija ipproċedew għall-arrest tal-akkużat. Wara li seħħ l-arrest, il-Pulizija għamlu verifiki fuq il-vettura DCA 916 li kien qed juża l-akkużat qabel l-arrest tiegħu u irriżultalhom li l-vettura ma kellhiex il-liċenzja u l-assikurazzjoni imħallsa u li n-numru tar-reġistrazzjoni imwaħħal mal-vettura ma kienx abbinat mac-chassis number tal-istess vettura. Il-vettura kienet abbinata ma' numru tar-reġistrazzjoni differenti. L-akkużat tressaq il-Qorti b'arrest u bdew il-proċeduri odjerni.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża - Artikolu 261(c)(d)(e)(f), 267, 268(d) 269(g) 270, 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap 9</u>**

Il-Kodiċi Kriminali tagħna ma jagħtix definizzjoni tal-kunċett tas-serq u l-Qrati tagħna għal għexieren tas-snin dejjem għażlu li jistrieħu fuq id-definizzjoni mogħtija mill-Carrara li jqis is-serq bħala *"la contrattazione*

*dolosa della cosa altrui fatta invito domino con animo di farne lucro."*[15] Ħames elementi iridu jiġu sodisfatti sabiex ir-reat tas-serq ikun jista' jitqies li huwa komplut, u dawn kollha joħorġu bl-iktar mod ċar minn din id-definizzjoni tal-Carrara:

(i) l-att li permezz tiegħu l-persuna timpussessa ruħha mill-oġġett;
(ii) l-oġġett irid ikun jappartjeni lil ħaddiehor;
(iii) il-persuna li tkun qed tikkommetti r-reat trid tkun taf li l-oġġett huwa proprjeta` ta' terzi persuni;
(iv) it-teħid ta' l-oġġett irid isir mingħajr il-kunsens tas-sid;
(v) u fl-aħħar izda mhux l-inqas, l-azzjoni trid tkun akkumpanjata minn intenzjoni li wieħed jagħmel qliegħ.

Il-Kodiċi Kriminali Malti jagħmel distinzjoni bejn serq sempliċi u serq li huwa ikkwalifikat. Fuq l-iskorta ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 261 tal-Kap. 9, is-serq jista' jkun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-persuna, bil-lok, bil-ħin jew bix-xorta tal-ħaġa misruqa. Meta s-serq ma jkunx ikkwalifikat, allura jitqies li huwa serq semplici.[16]

Mill-provi prodotti irriżulta s-segwenti:

---

[15] Programma Parte Speciale, vol. IV, para 2017. Ikkwotata f' **Pulizija vs Mario Tanti et** deciza fid-9 ta' Dicembru 1944 u **Pulizija vs Carmelo Felice** deciza fl-10 ta' Jannar 1942, it-tnejn sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.
[16] Artiklu 284 tal-Kodici Kriminali

(1) fil-lejl ta’ bejn is-sebgħa u għoxrin (27) u t-tmienja u għoxrin (28) ta’ Settembru 2024 seħħet serqa mid-dar tar-residenza “Ta’ Manuel”, Triq it-Taflija, Xewkija, Għawdex. F’din is-serqa insterqu sitt (6) rombli tar-ram, liema ram jintuża fix-xogħol tal-installazzjoni tal-arja kundizzjonata. Il-valur tar-ram li insteraq jammonta għal disa’ mija u ħamsa u ħamsin ewro u tmenin ċenteżmu (€955.80). Dan hekk kif ikkonferma bil-ġurament l-istess kwerelant Gordon Silvio;

(2) mill-filmati esebiti jirriżulta li l-persuna li daħlet fir-residenza fejn kien jinsab il-materjal, l-ewwel dawret il-cameras rashom ’l isfel fi sforz sabiex dawn ma jurux eżattament dak li jkun qiegħed jiġri. F’din l-okkażżjoni jidher ir-ram li kien hemm. Ftit minuti wara l-camera terġa’ tiddawwar f’postha u r-ram li kien hemm qabel ma jidhirx. Dan kollu juri biċ-ċar kif il-persuna li ħadet r-ram kienet konxja li dan il-materjal ma kienx tagħha u li ma setgħet qatt tieħdu mingħajr il-kunsens ta’ sidu;

(3) l-akkużat kien il-persuna li effettivament seraq dan il-materjal. Huwa ġie identifikat mill-kwerelant inniffsu mill-filmati li l-istess kwerelant eleva mis-sistema tiegħu u għadda lill-Pulizija. Il-kwerelant kien ilu jaf lill-akkużat madwar għaxar (10) snin peress li dan kien ħabib mat-tifel tiegħu. Għalkemm id-difiża tipprova tqajjem dubji fuq ic-*chain of custody* tal-filmati, il-Qorti m’għandix

dubju fuq il-veraċita ta' dawn il-filmati. Dawn il-filmati ġew mgħoddija direttament mill-kwerelant lill-Pulizija u l-istess kwerelant fix-xhieda tiegħu ikkonferma l-awtentiċita tal-istess. Di piu l-istess akkużat waqt li kien qed jagħti l-istqarrija tiegħu jikkonferma kif huwa l-persuna li jidher fuq l-istess filmati u dan mingħajr l-ebda esitazzjoni ta' xejn;

(4) fil-filmat tas-serqa, l-akkużat deher li kien liebes ġakketta u papoċċ partikolari. Fil-kors tal-investigazzjoni tagħhom, il-Pulizija elevaw mill-vettura tal-akkużat ġakketta u papoċċ li kienu identiċi għal dawk li jidhru fl-istess filmat.

(5) fil-kors tal-istqarrija tiegħu – u wara li l-istess akkużat kien ġie mogħti d-drittijiet legali kollha tiegħu u għażel minn jeddu li ma jikkonsultax ma' Avukat tal-fiduċja tiegħu – l-akkużat ammetta mal-Pulizija li kien huwa li seraq ir-rombli tar-ram. Huwa minnu li l-akkużat fil-kors ta' dawn il-proċeduri għażel li jibqa' sieket u ma jiħux il-pedana tax-xhieda u għalhekk fil-kors ta' dawn il-proċeduri ma kien hemm l-ebda ammissjoni formali. Madanakollu dak li l-akkużat sostna fl-istess stqarrija tiegħu ma jistax jiġi injorat għaliex ġie konfermat b'mod dirett mill-provi li ġew prodotti. Fi kliem l-istess akkużat, dan kollu huwa għamlu sabiex jiġġenera qliegħ għalih inniffsu bl-intiża li jkun jista' jħallas multi tal-Qorti li kellu pendenti.

Il-Qorti għalhekk m'għandha l-ebda dubju li effettivament l-istess akkużat seraq ir-rombli tar-ram.

Is-serq irriżulta wkoll li huwa ikkwalifikat. Infatti hemm:

(i) il-kwalifika tal-persuna għaliex skont kif xehed il-kwerelant l-akkużat kien impjegat miegħu u kien jgħinu fix-xogħol tal-installazzjoni tal-impjanti tal-arja kundizzjonata;

(ii) il-kwalifika tal-lok għaliex is-seraq sar minn dar ta' abitazzjoni;

(iii) il-kwalifika tal-ħin għax sar bil-lejl;

(iv) il-kwalifika tal-valur għaliex l-ammont misruq jaqbeż is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

L-ewwel akkuża għalhekk ġiet ampjament ippruvata.

- **<u>It-Tieni akkuza: artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65</u>**

It-tieni akkuża tikkonċerna l-fatt li l-akkużat saq vettura bil-mutur mingħajr liċenzja tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma kellhiex liċenzja. Prattikament hawnhekk il-Prosekuzzjoni qed tagħti żewġ akkużi f'waħda: (a) li l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan; (b) u li l-vettura ma kinitx liċenzjata. Għar-rigward l-ewwel parti ta' din l-

akkuża, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova biex tindika li fil-ġranet indikati fl-akkuża, l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida. Fix-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta, m'hemm l-ebda aċċenn għal dan il-fatt.

Għar-rigward it-tieni parti ta' din l-akkuża fl-istqarrija tiegħu, l-akkużat ammetta li effettivament il-vettura ma kellhiex id-debita liċenzja biex tinstaq fit-triq. Fl-istqarrija tiegħu huwa ta spjegazzjoni għalfejn il-liċenzja tal-vettura ma kinitx imħallsa. Il-fatt li l-vettura ma kinitx imħallsa isib konferma mid-dokumenti li esebixxa x-xhud ta' Transport Malta. Mid-dokument SF 1 li jirreferi għall-vettura li kellha c-chassis number WDB 2110 162A 6966 17 (li hija l-vettura li kien qed isuq l-akkużat hekk kif ikkonfermat mill-Pulizija li marru biex jesegwixxu l-arrest tiegħu) jirriżulta li tali vettura kienet ilha garaxxjata mid-dsatax (19) ta' Lulju 2021 u għalhekk per konsegwenza tali vettura ma setgħetx tintuża fit-triq. Anke għar-rigward il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DCA 916 bic-Chassis Number WDB 2110 222A 8669 29 lanqas kienet imħallsa. Mid-Dokument SF jirriżulta li l-liċenzja għal din il-vettura l-aħħar li tħallset kien fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Diċembru 2022, bis-sena tal-liċenzja tagħlaq fit-tmintax (18) ta' Marzu 2023. Għalhekk m'hemmx dubju li l-vettura li kien qed isuq l-akkużat ma kinitx koperta b'liċenzja taċ-ċirkolazzjoni valida. It-tieni parti tal-ewwel (1) akkuża għalhekk tirriżulta ippruvata.

- **<u>It-Tielet Akkuża - Artikolu 3(1) tal-Kap 104</u>**

Din l-akkuża tikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk l-akkużat kienx validament kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Li kieku mill-provi irriżulta li l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan, allura tali akkuża kienet tirriżulta b'mod awtomatiku. Dan għaliex fit-termini ta' diversi pronunċjament mill-Qorti tal-Appell Kriminali jekk sewwieq ma jkollux liċenzja tas-sewqan valida, allura ma jistax jitqies li huwa validament kopert b'polza ta' assikurazzjoni hekk kif tistabilixxi l-liġi. Pero kif ġia ingħad ma inġabet l-ebda prova li l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida. Kien għalhekk l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova li ma kienx hemm assikurazzjoni valida, bl-oneru imbagħad idur fuq l-akkużat li juri li kien hemm polza valida li tkoprieh.

Mill-investigazzjonijiet li għamlu l-Pulizija – sewwasew kif xehed l-Ispettur illum Supretendent Bernard Charles Spiteri – irriżulta wara kuntatti li saru ma' Josef Schembri min-naħa ta' Transport Malta li ma kienx hemm polza ta' assikurazzjoni valida viġenti. Madanakollu Josef Schembri ma inġabx biex jixhed f'dawn il-proċeduri biex jikkonferma din l-informazzjoni. Ix-xhud Saviour Farrugia li xehed f'dawn il-proċeduri ma jsemmi assolutament xejn fuq il-kwistjoni tal-assikurazzjoni tal-vettura in kwistjoni. Il-Qorti għalhekk ma tistax tassumi li ma kienx hemm polza ta' assikurazzjoni għax hekk irriżulta mill-investigazzjonijiet. Il-Qorti ma tistax assolutament toqgħod fuq dak li terz qal lis-Supretendent Spiteri għax dan jammonta għal *detto del detto* u għalhekk mhux ammissibbli bħala prova. Din l-akkuża għalhekk ma

jistax jingħad li ġiet sodisfaċentement ippruvata u per konsegwenza l-Qorti sejra tillibera lill-akkużat minn din l-akkuża.

- **<u>Ir-Raba' Akkuża – Artikolu 188(1) tal-Kap. 9</u>**

F'din ir-raba' akkuża, qed jingħad li l-akkużat bl-iskop li jakkwista xi benefiċċju għalih jew għal terzi, f'dokument li huwa maħsub għal xi awtorita pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħtif falz. Dan għaliex huwa waħħal licenzja ta' triq bir-reġistrazzjoni DCA 916 fuq vettura tal-għamla Mercedes meta dak id-dokument kien jirreferi għal vettura b'chassis number kompletament differenti minn dak tal-vettura li magħha kien imwaħħal dak id-dokument.

Għal fini ta' din l-akkuża, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Galea***[17] b'rabta mal-artikolu 188:

> *"Il-falsifikazzjoni tikkonsisti jew billi wieħed jipprovdi dokument ġdid iżda li huwa minnu nnifsu falz u li jista' wieħed jgħaddih bħala wieħed awtentiku … jew li wieħed jibdel xi ħaġa f'dokument awtentiku. Biex wieħed jagħti eżempju prattiku wieħed jista' joħloq ċertifikat tat-twelid*

[17] Deċiża fid-disgħa (9) ta' Lulju 2010.

> *b'konnotazzjonijiet foloz u li jidher awtentiku daqs wieħed ħiereġ mir-Reġistru Pubbliku. Jew inkella li wieħed ikollu ċertifiakt awtentiku tat-twelid iżda li jibdel xi konnotazzjoni fih.*
>
> *Fi kliem ieħor, biex ikun hemm il-falsifikazzjoni jinħtieġ li jkun hemm (a) dokument; (b) li jew ikun hemm 'counterfeiting' (contraffacimento) jew it-tibdil (alterazione) ta' dokument ġenwin"*

Fil-każ suriferit ta' Anthony Galea, il-Qorti kienet iddeċidiet li *"t-twaħħil tal-pjanċi tal-mutur A fuq il-mutur B ma setax jitqies bħala falsifikazzjoni għaliex la sar dokument ġdid u lanqas ma ġie imbagħbas wieħed awtentiku."* Dan ir-raġunament japplika perfettament għall-każ in diżamina. Il-vettura jidher li kellha imwaħħla liċenzja taċ-ċirkolazzjoni li kienet ta' vettura oħra u mhux dik propja tagħha. Infatti mir-ritratt esebit a fol. 66 tal-proċess huwa ċar li din il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni kienet tal-vettura DCA 916 li kellha c-chassis number WDB 211 0222A 866 929. Dan huwa c-chassis number korrett abbinat mal-pjanċa tar-reġistrazzjoni DCA 916 hekk kif ġie konfermat mid-dokument SF preżentat mix-xhud Saviour Farrugia. Dan ifisser allura li ma kien hemm l-ebda produzzjoni ta' liċenzja ta' cirkolazzjoni ġdida li minnha inniffsha kienet falza. Lanqas ma ġiet modifikata b'xi mod l-istess liċenzja taċ-ċirkolazzjoni. B'hekk allura ma jistax jingħad li kien hemm xi forma ta' falsifikazzjoni li huwa l-actus reus ta' dan l-artikolu. Dan apparti l-fatt li

minn imkien mill-provi ma rriżulta li kien l-istess akkużat li effettivament waħħal din il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni mal-istess vettura. L-akkużat għalhekk sejjer jiġi liberat minn din l-akkuża għaliex ma rriżultatx.

- **<u>Il-Ħamsa Akkuża – Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65</u>**

Mill-provi prodotti huwa ċar li din l-akkuża ġiet pruvata. L-akkużat kien qed jagħmel użu minn vettura li kellha c-chassis number WDB 2110 162A 6966 17[18]. Skont id-dokument esebit minn Saviour Farrugia markat bħala Dokument SF 1, in-numru tar-reġistrazzjoni abbinat ma' din il-vettura kien dak BEN 190 u mhux DCA 916, in-numru ta' reġistrazzjoni li kellha imwaħħla magħha l-istess vettura. Għalhekk l-akkużat kien qed jagħmel użu min-numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak li kien ġie mogħti oriġinarjament minn Transport Malta lill-istess vettura.

- **<u>Ir-Riċediva</u>**

Il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qorti li esebiet vera kopja ta' sentenzi mogħtija kontra l-akkużat kif wkoll elenku tal-multi li għandhom dovuti mill-istess akkużat. M'hemmx dubju li dawn is-sentenzi jirreferu għall-akkużat odjern u l-konnotati indikati f'dawk is-sentenzi jaqblu mal-konnotati tal-akkużat odjern. Minn eżami tas-sentenzi mogħtija jirriżulta li dan l-addebita tar-

[18] Ara Dokument DM 1 a fol 64 tal-proċess.

riċediva wkoll ġie pruvat. L-akkużat kellu l-aħħar kundanna fid-disgħa (9) ta' Mejju 2023 u minn meta skonta l-piena imposta b'din is-sentenza, għadhom ma għaddewx il-ħames (5) snin stabbiliti fl-artikolu 50 tal-Kap. 9. Apparti minnhekk il-multa imposta fis-sentenza tas-sitta (6) ta' Ottubru 2017 sad-data tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar 2024 kienet għadha ma tħallsitx u għalhekk it-terminu ta' ħames (5) snin għall-fini ta' riċediva ma jistax jingħad li iddekorra. Għalhekk il-Qorti sejra titratta mal-akkużat bħal riċediv. Dan sejjer jiġi rifless fl-ikkalibrar tal-piena li sejra tiġi imposta.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Il-Qorti rat li din ma kinitx l-ewwel darba li l-akkużat xellef difru mal-ġustizzja. Apparti diversi reati marbutin ma' infrazzjonijiet tat-traffiku, instab ħati wkoll ta' serq. Għalkemm huwa ingħata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruħu – infatti kellu diversi sentenzi fejn huwa tpoġġa taħt ordni ta' probation jew inkella ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor – dan jidher li ma serva għal xejn. L-akkużat ma jidhirx li huwa tgħallem mill-iżbalji tiegħu u ħa l-opportunitajiet li tawh il-Qrati preċedenti sabiex jirriforma ruħu. Il-Qorti għalhekk temmen li ma tkunx qed tagħmel ġustizzja la mal-vittma ta' dan il-każ u lanqas mas-soċjeta in ġenerali u ma' dawk li josservaw il-liġi jekk ma timponix piena karċerarja effettiva. B'hekk forsi l-akkużat jasal biex jifhem li *crime does not pay* u li ma jistax jibqa' għaddej fit-triq

ta' kriminalita li jidher li qabad u jkompli bl-atteġġjament tiegħu ta' qisu xejn m'hu xejn.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(1) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u għalhekk qed tilliberah minnhom;

(2) Wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(c)(d)(e)(f), 267, 268(d), 269(g), 270, 279(a), 280(1) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll l-artikoli 15(1)(a) u 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1) akkuża, tat-tieni (2) akkuża in kwantu biss kien qed isuq vettura bil-mutur li ma kellhiex liċenzja u tal-ħames (5) akkuża u **<u>qed tikkundannah għall-perijodu ta' għaxar (10) xhur priġunerija effettivi</u>**. Minn dan it-terminu ta' priġunerija li qiegħed jiġi impost, għandu jitnaqqas iż-żmien li l-ħati għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ li qiegħed jiġi deċiż illum.

Wara li rat l-artikolu 15A tal-Kap. 9, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati sabiex fi żmien tlett (3) xhur minn meta huwa jiskonta s-sentenza ta' ħabs imposta b'din is-sentenza huwa jħallas lill-parte civile Gordon Silvio l-ammont ta' **<u>disa' mija u ħamsa u ħamsin ewro u tmenin</u>**

**ċenteżmu (€ 955.80)** rappreżentanti l-valur tar-rombli tar-ram misruqa mill-ħati mingħand l-istess parte civile. Din l-ordni għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħal li kieku kienet sentenza mogħtija minn Qorti jew Tribunal Ċivili kompetenti.

Finalment wara li rat l-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' xahar, liema perijodu ta' sospensjoni għandu jibda jiddekorri wara li l-ħati jkun skonta s-sentenza ta' priġunerija imposta b'din is-sentenza.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

ft.) Joseph Grech
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur